# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002**

**Numru 11**

**Citaz. Nru. 2860/97GV**

**Doc. 244-99**

**Dottor John J. Cassar ghan-nom u in rapprezentanza ta' Express Aluminium Limited**

**vs**

**G.V. Xuereb Limited**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur nomine ppremetta illi l-konvenut kien ordna lill-attur nomine sabiex jaghmillu xoghol ta' aluminium, u dana bejn Jannar u April 1996, liema xoghol gie maghmul u kkonsenjat lill-konvenut;

Premess illi l-prezz tax-xoghol u materjal kien jammonta ghall-eluf ta' liri li pero' minnhom saru diversi pagamenti akkont u llum ghad fadal bilanc ta' elfejn, mitejn u tlieta u tletin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (LM2233.27c) minbarra l-imghaxijiet;

Premess illi l-istess konvenut minkejja li gie interpellat diversi drabi huwa baqa' ma hallasx il-bilanc anzi baghat cheque ta' LM379.24c bhala *in full and final settlement;*

L-attur nomine talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut debitur fis-somma ta' bilanc ta' elfejn, mitejn u tlieta u tletin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (LM2233.27c);
2. tikkundannah jhallas l-ammont hekk dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja tax-xoghol kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine a fol 3;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta G.V. Xuereb Limited a fol 12 fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-Avukat Dottor John J. Cassar ghandu jipprova illi huwa debitament awtorizzat a tenur tal-'Memorandum & Articles of Association' tas-socjeta' attrici sabiex jirrappresenta lis-socjeta' attrici fil-kawza odjerna;

2. Illi bla pregudizzju ghal ewwel eccezzjoni n-nullita' tac-citazzjoni stante illi dina mhix akkumpanjata minn dikjarazzjoni guramentata kif titlob il-ligi;

3. Illi fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont li qed jigi reklamat huwa wiehed eccessiv u dana peres illi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-appalt moghti lis-socjeta' attrici kien wiehed ta' natura 'back to back' u ghalhekk hija ma tistghax tippretendi hlas ghal xi haga illi hija m'ghamlitx u li ghaliha s-socjeta' eccipjenti ma thallsitx.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Rat il-verbal a fol. 53A, li bih il-konvenut irtira t-tieni eccezzjoni tieghu;

Rat is-sentenza preliminari a fol. 56 li biha dina l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet taghha a fol. 55 li bih nnominat lill Perit Albert Borg Costanzi biex jirrelata dwar it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni tal-perit a fol. 66 mahlufa fis-27 ta' Gunju, 2001;

Rat li l-likwidatur la deher u lanqas assuma l-atti;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Perit nominat minn dina l-Qorti, wara li semgha lill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezibiti, wasal ghall-konkluzzjoni li l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lill attur noe ghax-xoghol maghmul fil MOBC eskluz l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ghal xoghol fuq il-fond tad-ditta Mizzi Ltd ghandu jkun fis-somma ta' Lm9,177 li maghhom ghandu jizdied l-ammont ta' Lm399 li b'kollox igib l-ammont ta' Lm9,576. Minn dana l-ammont irid jitnaqqas l-ammont ta' Lm9,218 kollox kif spjegat a fol. 71 tal-process. Ghalhekk il-bilanc ta' ammont dovut lis socjeta' attrici huwa ta' Lm358. Is-socjeta' konvenuta kienet diga offriet lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm379.24 *in full and final settlement* (ara fol. 7 u 81).

Il-Perit spjega li l-kaz dwar x'kellha tiehu s-socjeta' attrici spicca fix-xejn wara li rrizulta li kien hemm skorettezza fit-talba tas-socjeta' attrici dwar li *skylight* li d-daqs tieghu kien kwart fis-superficji ta' dak originarjament propost u li t-tibdil sar qabel ma nbeda x-xoghol. Sussegwentament is-socjeta' attrici accettat li tithallas Lm1,437 ta' li *skylight* (ara fol. 114).

Jibqa' biss il-kwistjoni dwar l-ammont ta' Lm261.86 (fol. 6) ghax-xoghol li sar ghand Alf. Mizzi & Sons li dwaru l-perit ma rrelatax billi tqajmu xi punti legali .

Illi wara li gie prezentat ir-rapport tal-perit, il-partijiet ma gabu ebda provi ohra, u lanqas saret xi kritika ghar-rapport peritali. Dwar l-ammont imsemmi ta' Mizzi l-partijiet ma gabux provi ulterjuri dwar jekk kienx hemm abbandun jew le tal-progett. Dina l-allegazzjoni saret mill-konvenut u ghalhekk kien jispetta lilu li jipprova li kien hemm abbandun. Fin-nuqqas ta' dina l-prova l-Qorti tehodha li l-ammont hu dovut. L-istess jista' jinghad ghal kwistjoni tal-mandat li nhareg u l-imghax. Il-konvenut ma gab ebda prova.

Ghalhekk, salv ghal dak li nghad fil-paragrafu precedenti, Il-Qorti taqbel mal-konkluzzjonijiet raggunti mill-perit tekniku u taghmilhom taghha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi:

tilqa' t-talba ta' l-attur noe limitament ghas-somma ta' sitt mija u dsatax il-lira maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm619.86) - (cioe' Lm358 + Lm261.86);

tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata;

bl-imghax mid-data tas-sentenza u

l-ispejjez li jinqasmu kwantu ghall wiehed minn disgha ghall konvenut, u tmienja minn disgha ghall-attur nomine;

Spejjez tad-decizjoni preliminari ghall-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**